**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA TAT-2 TA' FRAR, 2001.**

**Citazzjoni numru 85a6/00GC**

**TMT Limited**

**Vs.**

**Raymond u Anna koppja Martin**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi il-konvenuti Raymond u Anna koppja Martin ghandhom ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' hamest elef hames mija u sitta u disghin Lira Maltija (Lm5,596) liema somma tirrapprezenta in kwantu ghall-hamest elef mija u disgha u disghin Lira Maltina (Lm5,199) bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata, u inkwantu ghal-tliet mija u sebgha u disghin (Lm397) rappresentanti kontijiet ta' ilma, dawl, u servizz tat-"telephone" u assikurazzjoni, uzati mill-konvenuti fil-fond Kwik Fit, Wied l-Imsida, Msida;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellati, anke ufficcjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi fil-fehma tas-socjeta attrici il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjoni valida x'jaghtu kontra din l-azzjoni;

Illi ghall-finijiet tal-artikolu mija u sebgha u sittin (l67) " et sequitur" tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi hawn anness Affidavit tar-rapprezentant legali tas-socjeta attrici u mmarkat bhala Dok A;

Talbet lill-konvenut jghidu ghaliex m'ghandiex, ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrtici is-somma minnhom dovuta ta' hamest eleaf hames mija u sitta u disghin Lira Maltija (Lm5,596) liema somma tirrapprezenta in kwantu ghal-hamest elef mija u disgha u disghin Lira Maltija (Lm5,l99) bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata, u inkwantu ghal-tliet mija u sebgha u disghin Lira Maltija (Lm397) rappresentanti kontijiet ta' ilma, dawl u servizz tat-"telephone" u assikurazzjoni, uzati mill-konvenuti fil-fond Kwik Fit, Wied l-Imsida, Msida.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid, tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' inibizzjoni tas-26 ta' April, 2000 u bl-

imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata loill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet.

Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;

Semghet lill-Avukat tas-socjeta atttrici u lix-xhud prodott mis-socjeta attrici.

Billli mill-provi mhux kontradetti it-talbiet jirrizultaw pruvati;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenuti.

Imhallef

Dep. Registratur